MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Rikors Numru. 548/1997/1

Joseph Caruana
vs
Direttur Servizzi Socjali

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ 1993 ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li ma giex maghdud biex isiru aggustament tal-pensjoni.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li r-rikorrent kien spicca mill-Korp tal-Pulizija wara 28 sena servizz fl-1977. Sal-1984 huwa kien ma jahdimx u kien jiehu pensjoni tal-Pulizija sakemm wara beda jaghmel xoghol part time, fejn dan dam jaghmlu sakemm ghalaq il-61 sena, fl-1990, minhabba f’hekk huwa ma baqax kategorizzat taht il-pensjoni tal-Pulizija minhabba tax-xoghol part-time u ghalhekk meta gie biex ikun hemm aggustament tal-pensjoni fl-1993

skond il-weghda li ghamel l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, il-pensjoni tar-rikorrent ma gietx aggustata bhal ma giet aggustata ma' dawk l-ex-pulizija li fil-fatt telqu mill-Korp qabel l-1979.

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda indikati fir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' l-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi aggustata l-pensjoni tar-rikorrent kif ukoll li jinghata l-arretrati li suppost kellu jiehu, jew inkella dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' hlas li ma jeccedix is-somma ta' Lm5000 kif jidhirlu xieraq it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali, li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni 'ratione materiae' biex jisma' dan il-kaz stante li l-aggravji tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhhom fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

2. Illi bla pregudizzju, fil-mertu u ghall-ahjar istruzzjoni ta' dan it-Tribunal jinghad li r-rikorrent irtira mix-xoghol (61 sena) fit-13 ta' Awissu 1990 bejn is-snin 1984 sa 1990 kien impjegat part-timer ma Toni Engineering Work Marsa. Kien impjegat ukoll bhala Pulizija ghal-perjodu ta' 27 sena bejn 1950 u 1977, billi kien impjegat bhala Pulizija kien intitolat ghal Pensjoni tas-Servizz mid-Dipartiment tat-Tezor taht il-provvediment ta' l-Ordinanza tal-Pensjonijiet.

3. Illi t-talba ghal Pensjoni tas-Sigurta` Socjali saret fit-18 ta' Mejju 1990 qabel ghalaq 61 sena u d-Direttur hareg Pensjoni ghal min jirtira bir-rata ta' Lm13.30 fil-gimgha skond il-provvedimenti tat-XII-il skeda tal-ligi b'effett mit-

18 ta' Awissu 1990. Ir-rata ta' pensjoni kurrenti li kien qed jircievi hija ta' Lm27.22 fil-gimgha;

4. Illi r-rikorrent kien qed jikkontendi li l-istima tal-pensjoni tieghu saret zbaljata ghaliex id-Dhul Pensjonabbli ma giex ikkalkulat fuq is-salarji li kellu ta' Pulizija izda fuq il-paga li kellu ta' part-timer ma' Toni Engineering Work Marsa;

5. Illi dan l-ilment tqajjem hafna drabi mir-rikorrent ma' diversi ufficjali tad-Dipartiment u sahansitra sar appell quddiem l-Arbitru skond il-procedura prevista mill-Kap 318. Meta r-rikorrent kien qed jittratta l-kaz quddiem l-Arbitru s-Sur Petrococchino fehem li l-kalkolazzjoni tad-Dhul Pensjonabbli saret korretta skond il-Provvedimenti tat-tlettax-il skeda tal-Ligi u l-Appell gie cedut.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li spicca mis-servizz fil-korp tal-pulizija fl-1977 u jiehu pensjoni ta' cirka Lm61 fix-xahar. Qal li fl-1993 kienu saru xi arrangamenti sabiex persuni bhalu li spiccaw mis-servizz jibbenefikaw minn awment fil-pensjoni. Semma wkoll li hu kien jaghmel xoghol part-time sal-1990 u zied ighid li minhabba dan ix-xoghol li kien jaghmel il-pensjoni tieghu ma gietx aggustata. Semma xi nies li kienu fl-istess pozizzjoni tieghu fosthom Pawlu Borg li kien Surgent, Spiru Scicluna, Emanuel Azzopardi u Tonio Mintoff li kienu Pulizija.

Xehed Alfred Degabriele bhala rapprezentant tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Tezor li qal li fl-1993 ir-ri-organizzazzjoni ma kenitx minn naha tat-tezor. Qal li r-rikorrent beda jiehu l-pensjoni mis-17 ta' Marzu 1977.

Zied ighid li s-Sur Caruana kien ghazel li jiehu l-'community pension' u ghalhekk hu ha total ta' Lm720.50 kull sena. Qal ukoll li s-somma ta' gratuity kienet ta' Lm3002 u xi centezmi. Spjega li meta ssir revizjoni mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali mhux mit-Tezor. Qal li dawn iz-zewg pensjonijiet tat-Tezor u tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali huma differenti u r-rikorrent jiehu pensjoni tat-tezor peress li kien puluzija. Zied ighid li f'cirkostanzi normali l-pensjoni tat-tezor ma tinbidilx meta tigi stabbilita r-rata wara d-data tal-irtirar.

Xehed Adrian Attard rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali li qal li r-rikorrent irtira mill-Korp tal-Pulizija fl-1977. Semma li f'Mejju 1990 ir-rikorrent kien se jaghlaq 61 u applika ghall-pensjoni taht id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Qal ukoll li mir-records taghhom jidher li r-rikorrent kien mill-1987 'il quddiem jahdem bhala part-timer u hekk baqa' sakemm irtira. Spjega li min-naha tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jinhadem 'average' li fil-kaz tar-rikorrent kien Lm676 u 2/3 ta' dawn ammontaw ghal Lm450. Semma wkoll li normalment li jigri hu li tinhadem il-pensjoni taht il-part 3 u taht il-part 9 imbaghad jaraw l-iktar wahda li taqbel ma' l-individwu. Qal li r-rikorrent inghata pensjoni fuq il-part 3 peress li l-kalkoli fuq il-part 9 kienu jidhru fin-negattiv. Qal li l-problema tar-rikorrent hi li t-2/3 pension bdiet tapplika ghal dawk li rtiraw mill-1979 'il quddiem u peress li r-rikorrent irtira fl-1977 ma setax japplika ghalih. Zied ighid li r-rikorrent kien appella quddiem l-arbitru u rraprezentah is-Sur Maurice Petrococchino, u jidher li dan il-kaz kien gie cedut. Fl-ahhar nett hu esebixxa wkoll skeda ta' kif jinhadem dhul pensjonabbli a fol 33 tal-process. Hu qal li minn verifiki li ghamel jirrizulta li l-fatt tal-appell qatt ma wasal quddiem l-arbitru peress li fl-1993 is-Sur Mallia il-Kap tas-sezzjoni tad-Dipartiment iddiskuta mas-Sur Petrococchino u wara dan is-Sur Petrococchino rtira l-kaz.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija li dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni 'ratione materiae' biex jisma' dan il-kaz stante li l-aggravji tar-rikorrent ma jinkwadrax ruhhom fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-

1997. Ir-raguni ta’ dan hi li bazikament l-ilment tar-rikorrent hu fuq pensjoni.

Fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza fl-14 ta’ Dicembru, 1999, it-Tribunal qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

"Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma

ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Dan it-Tribunal iddecidida fuq diversi aspetti li jaqghu barra mill-kompetenza tieghu. Hekk ghamel fil-kaz ta' Joseph Barbara vs MedServ Limited deciz fl-10 ta' Mejju, 1999 li kien jirrigwarda **terminazzjoni ta' impieg** [ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999, u Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza fl-24 ta' Gunju, 1999 **dwar terminazzjoni ta' impieg mill-Armata** (Art 5 (3) (a) ta' l-Att)]. Fil-kawza fl-ismijiet Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 f'kaz li kien jikkoncerna **hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni** it-Tribunal hass li ma kellux kompetenza. L-istess ghamel fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna **Bonus kif ukoll allowances**, fil-kaz ta' Grezzju Sultana vs Mid-Med Bank Limited deciz fid-19 ta' Mejju, 1999 li kien jikkoncerna **telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, u li r-rikorrent ma giex moghti overtime,** fil-kaz ta' J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna **nuqqas ta' hlas ta' paga**, fil-kaz ta' Alfred Bajada nomine vs Direttur tal-Edukazzjoni deciza fl-20 ta' Ottubru, 1999 dwar **nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja**, fil-kaz ta' Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited deciz fid-19 ta' Ottubru, 1999 dwar **danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol**, fil-kaz ta' Wistin Grech vs Direttur tal-Portijiet deciza fl-20 ta' Mejju, 1995 **dwar ordni ta' l-Awtorita' Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor**, fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna **l-ghoti ta' medalja**, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna **kwistjoni dwar leave**".

Fil-kaz in ezami ghandna kaz ta' ilment bazat fuq hlas ta' pensjoni. Din ma tissemma mkien fl-artikolu 6 (1)

paragrafi (a) sa (d) ta' l-Att VIII tal-1997. Infatti ma tistax tigi kunsidrata bhala hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici, jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi; lanqas ma tista' tigi kunsidrata bhala dhul fl-impieg. Certament ma hijiex licenzja jew permess mehtiega bil-ligi. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jaqax fil-kompetenza tat-Tribunal.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------